# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn erbgha u ghoxrin (24) taʼ Ottubru 2016**

**Rikors Numru 34/15 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 4024/14**
**fl-ismijiet**

**Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Anthony Debattista**
**(ID 434748M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippresentat fis 27 ta’ Jannar 2015 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-Ittra Ufficjali ippresentata mill-Awtorita’ fl-24 ta’ Novembru 2014 ai termini tal-Artikolu 90 (5) u (6) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta’ Malta, ppresenta l-azzjoni odjerna a tenur ta’ l-Artikolu 90 (7) ta’ l-istess Kap 504 fejn talab lill-Qorti tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Awtorita’ fl-ammont ta’ €2,206.14 bhala wahda infondata stante illi l-procedura tal-avviz tat-twettieq u l-ezekuzzjoni taghha fil-konfront tieghu fil fond 29, Witwatersrand, Triq in-Nofs tal-Ibragg, Swieqi li sehh fis 17 ta’ April 2012 ma sarx skond il-Ligi.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita fejn sahqet illi ir-rikors huwa legalment inammissibbli, u fattwalment skorrett u dan billi, fl-ewwel lok, il-procedura kontemplata fl-Artikolu 90(7) tal-Kap. 504 tista' tintuza biss sabiex ir-rikorrent jikkontesta l-ammont pretiz u mitlub mill-Awtorita' permezz tal-ittra ufficjali numru 4024/14. Ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex jikkontesta "l-procedura tal-awiz ta' twettieq" fuq il-bazi li "ma saritx skond il-Ligi". Ir-rikorrent kellu kull jedd illi jattakka l-enforcement notice mahruga fil-konfront tieghu billi jippresenta appell mill-istess a tenur l-Artikolu 41 tal-Kap 504. Ir-rikorrent naqas milli jaghmel dan, u allura gie li ssokkomba u accetta l-ordni illi nharget fil-konfront tieghu permezz tal-istess avviz.

L-Awtorita ziedet tghid illi, fi kwalunkwe kaz, m'huwiex assolutament minnu illi procedura tal-avviz ta' twettieq ma saritx skond il-Ligi. Jigi rilevat, qalet l-Awtorita’, li l-avviz tat-twettieq in kwistjoni inhareg fil-konfront tar-rikorrent in segwitu ghall-izvilupp illegali minnu kommess, liema illegalita' tikkonsisti fl-uzu ilegali ta’ garaxx bhala store, kif ukoll il-konverzioni ta' front garden area ghal scrapyard minqhair permess. Illi ghalhekk, jekk kien hemm xi haga li ma saritx skond il-

Ligi, dan kien propju l-izvilupp imwettaq mir-rikorrent minghajr permess. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-Artikolu 86 tal-Kap. 504 li jipprovdi illi "*jekk ikun jidher lill-Awtorita li attivita' tkun qed titwettaq minghajr l-ghoti ta' permess jew licenza mehtiega taht dan l-Att jew li xi kondizzjoni li ghaliha l-permess jew il-licenza li tkun inghatat fir-rigward ta' xi attivita bhal dik ma tkunx qed tigi mharsa jew tkun xort'ohra tmur kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti li jinhargu taht dan l-Att, l-Awtorita tista tohrog ordnijiet biex twaqqaf lill kull persuna li tkun qeghda twettaq attivita' bhal dik.*"

L-Awtorita irrilevat ukoll illi kellha per forza tintervjeni bl-esekuzzjoni tad-direct action mertu tal-kaz de quo, propju l-ghaliex r-rikorrent abusivament baqa' jisfida u jippersisti li ma jnehhiex l-illegalijiet minnu kommessi, u dan wara li nghata aktar minn zmien bizzejjed sabiex jaghmel dan. Di fatti, sahqet l-Awtorita, id-'direct action' esegwita mill-Awtorita' fir-rigward tal-enforcement notice mahrug fil-konfront tar-rikorrent, hija proprju wahda mis-setghat illi ghandha l-Awtorita' sabiex twaqqaf kull forma ta' zvilupp li jkun gie mwettaq illegalment - kif propju gie mwettaq l-izvilupp f'dan il-kaz. In fatti, l-Artikolu 90 tal-Kap. 504 jipprovdi illi "*jekk xi passi jew azzjoni ohra, komprizi s-sospensjoni, twaqqif jew ntiega ohra bhal dik, mentiega li jittiendu b'avviz ta' twettiq ma jkunux ittiehdu fiz-zmien specifikat hemmhekk, l-Awtorita tista' tidhol fl-art, jew farea tal-bahar u tienu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif imsemmijin, inkluzi l-izmantellar jew it-tnehhija ta' xi apparat, makkinarju, ghodod, beni, vetturi jew xi oggetti ohra li jistghu jkunu fis-sit u l-ghemil ta' kull xoghol mehtieg biex twettaq dak mitlub fl-avviz ta' twettiq u ghal dan ilghan tista' titlob l-ghajnuna tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull agenzija tal-Gvern; u l-Korp tal-Pulizija ghandu ghal dan il-ghan jezercita dawk is-setghat moghtija lilu bil-ligi.*"

L-Awtorita osservat illi ghandu jigi ccarat illi l-ammont mitlub mill-Awtorita' esponenti jirrifletti precizament l-ammont ta' hlasijiet ragonevolment inkorsi mill-Awtorita' biex seta' jigi esegwit id-direct action mertu tal-kaz odjern wara li r-rikorrent abusivament baqa' jisfida u jippersisti li ma jnehhiex l-illegalijiet minnu kommessi. Dan wara li kien inghata aktar minn zmien bizzejjed ghal dan il-ghan. Dak li mhux korrett u skond il-ligi, hu li wiehed jippretendi li jista' jitla* 'I fuq mill-ligi, jikkommetti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, u imbaghad, meta l-Awtorita regolatorja tkun kostretta tagixxi, jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjez konnessi ma' tali azzjoni, liema spejjez fl-ahharnett iridu jigu sopportati mit-taxxi ta' cittadini ohra li josservaw il-ligijiet tal-pajjiz u li ma jghaddilhomx minn mohhom li jwettqu l-illegalijiet li wettaq ir-rikorrent; u ghalhekk lanqas ghandhom ikunu cittadini onesti li jbatu ghan-nuqqasijiet tar-rikorrent.

Ghalhekk l-Awtorita talbet lill Qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-Awtorita' intimata bhala wahda infondata u ghandha tigi michuda.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Debattista** ippresentat fl-20 ta' April 2015.

Rat illi fil 25 ta' Gunju 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi.

Semghet ix-xhieda ta' **Oliver Magro**, rappresentant ta' l-Awtorita' intimata, moghtija fil-25 ta' Gunju 2015 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebiti.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent moghtija fil 25 ta' Gunju 2015.

Semghet ix-xhieda ta' Oliver Magro, moghtija fl-1 ta' Frar 2016 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebiti.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Gauci**, Principal Enforcement Officer fi hdan l-Awtorita intimata, moghtija fit 18 ta' April 2016 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebiti.

Rat illi fit 2 ta' Gunju 2016 l-Awtorita intimata iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat illi fit 2 ta' Gunju 2016 il-Qorti awtorizzat lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Awtorita' intimata ppresentat is-sottomissjonijiet taghha fil 31 ta' Awissu 2016 filwaqt illi r-rikorrent ma ressaq ebda sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fit-12 ta' Awissu 2005, l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, kif dakinhar imsejjha, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq Nru 676/05 fejn ir-rikorrent gie mgharraf illi l-ksur kien jikkonsisti f' li "*ghandhekk zvilupp li jikkonsisti minn uzu tal-garaxx bhala stores u l-front garden area qed tintuza bhala scrapyard u dan kollu minghajr permess*".

Jirrizulta illi dana l-avviz gie notfiikat lir-rikorrent personalment fit 18 ta' Jannar 2006.

Jirrizulta illi fit 8 ta' Frar 2006 l-Awtorita, wara illi r-rikorrent ma appellax mid-decizjoni taghha, pprocediet billi tibda l-process ghall-infurzar.

Jirrizulta, madanakollu, illi kien eventwalment fid 29 ta' Marzu 2012 illi l-Awtorita gharrfet lir-rikorrent ufficjalment illi kienet ser tiehu l-passi kollha mehtiega minghajr ebda pre-avviz iehor sabiex tnehhi l-izvilupp illegali illi hija kienet harget l-Avviz fuq imsemmi ghalih.

Jirrizulta illi minkejja tali avvizi, r-rikorrent baqa' ma rrimedjax ghal l-ordni mahrug mill-Awtorita' u ghalhekk, fis 17 ta' April 2012, l-Awtorita pprocediet billi nehhiet l-oggetti kollha, principalment numru konsiderevoli ta' vetturi antiki fi stat dilapidat ta' abbandun.

Jirrizulta illi, rizultat ta' tali xogholijiet, l-Awtorita' inkorriet spejjez fil-valur ta' €2,026.14, kif jidher ahjar deskritt fl-Invoice datata 9 ta' April 2013 mibghuta lir-rikorrent (fol 41).

Jirrizulta illi, ghalkemm interpellat diversi drabi, ir-rikorrent baqa' qatt ma hallas u ghalhekk, fl-24 ta' Novembru 2014, l-Awtorita ippresentat Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 90 (6) tal-Kap 504 fejn interpellat lir-rikorrent sabiex immedjatament ihallashom is-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin Euro u erbghata-il centezmu (€2,026.14), liema Ittra giet lilu notifikata fl-14 ta' Jannar 2015.

Jirrizulta illi sussegwentement ir-rikorrent nieda l-proceduri odjerni sabiex jattakka l-validita' ta' l-Ittra Ufficjali.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ben ippruvat illi ir-rikorrent kien a korrent tal-Avviz ta' Twettieq Nru 676/05, liema Avviz gie lilu notifikat personalment fit 18 ta' Jannar 2006. (fol 22)

Jirrizulta illi ghalhekk konxju ta' tali Avviz, ir-rikorrent ma ghamel ebda proceduri ta' Appell abbazi tal-Artikolu 41 tal-Kap 504, u ghalhekk l-effetti tal-Avviz ta Twettieq kienu finali.

Jirrizulta illi, ghalkemm konxju tal-Avviz, ir-rikorrent, ghal aktar minn sitt snin, baqa' ma ghamel xejn u l-illegalita' rappurtata mill-Awtorita' baqghet tippersisti ghal dan iz-zmien kollu.

Jirrizulta illi bil-proceduri odjerni, intavolati a tenur tal-Artikolu 90 (7) tal-Kap 504, ir-rikorrent qieghed jopponi ghat-talba tal-hlas illi saret da' parte ta' l-Awtorita permezz ta' l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna, l-Ittra Ufficjali Nru 4024/14.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-bazi tal-oggezzjoni tar-rikorrent ghall-hlas tal-ammont miltub ma huwiex bbazat fuq il-fatt l-pretensjoni hija wahda infondata, izda fuq il-bazi illi l-Avviz tat-Twettieq u l-Ezekuzzjoni ma sarux skond il-Ligi.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrent kellu opportunita' illi jikkontesta l-Avviz tat-Twettieq abbazi ta' dak pprovdut fil-Kap 504, izda huwa naqas milli jadopera d-dritt moghti lilu mill-Ligi u nieda tali proceduri unikament in vista tal-fatt illi gie lilu notifikata Ittra Ufficjali illi ghandha effetti ezekuttivi fuqu.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax wkoll illi r-rikorrent ma ghandu ebda bazi li fuqha jista jattakka l-ammont mitlub mill-Awtorita', stante illi ma tellghet ebda prova sabiex tikkontrasta l-kont tas-servizzi rezi sabiex l-oggetti illi r-rikorrent kien gie avzat biex inehhi aktar minn sitt snin qabel, u ma ressaq ebda prova sabiex jikkorrobora t-tezi tieghu illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut, salv ghax-xhieda tieghu fejn jghid illi ma kien jaf xejn dwar l-enforcement, fatt illi gie minnu stess michud in kontro ezami.

Di fatti, jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent stess, illi huwa ammetta li kien ircieva l-Avviz ta' Twettieq kif ukoll ammetta illi kien ircieva telefonata li biha kien mgharraf li kien ser inehhulu l-affarjiet kollha u sussegwentement, qabel ma sar dan, kien ircieva wkoll dokument minghand l-Awtorita' fejn gie avzat dwar l-Infurzar.

Ghalhekk, jidher car illi l-proceduri odjerni huma proceduri intizi unikament sabiex r-rikorrent ma jhallas dak illi huwa dovut minnu rizultat tan-nuqqasijiet tieghu u ghalhekk it-talba kif redatta fir-rikors ma tistax tintlaqa'.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi r-rikors billi.

Tichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur